**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA, 26 TA' SETTEMBRU, 2001**

**Numru: 1**

**Avviz Nru: 234/01 AE**

**Casapinta Design Group Ltd**

**vs**

**Link Net Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta tas-somma ta' mija u sebghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm170.20) hlas dovut ghal servizzi professjonali resi lis-socjeta konvenuta in konnessjoni mal-Information Technology Fair.

Semgha bil-gurament lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma l-kreditu u li mill-ammont mitlub ghadu ma thallas xejn.

Illi s-socjeta konvenuta debitament notifikata ma deheritx fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2001 u lanqas fis-seduta tal-lum, kif ukoll ma pprezentax risposta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jiddecidi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u sebghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm170.20) dovuta ghar-ragunijiet premessi, bl-imghax mil-lum.

L-ispejjez, skond l-Artikolu 10 tal-Kap. 380, jithallsu mis-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**